MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1591/2000/1

Kenneth **BORĠ**

vs

**FXB JOINERS LIMITED**, Raymond Scicluna u Martin Calleja

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet mogħti għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta fuq talba magħmula f’isem l-attur waqt is-smigħ tad-29 ta’ Mejju, 2003, biex jiġi esebit dokument li jagħmel parti mid-Deċiżjoni Numru 127/00 tal-Arbitru maħtur taħt l-Att tal-1987 dwar is-Sigurta’ Soċjali;

L-imħarrkin, permezz tal-avukati tagħhom u għar-raġunijiet minnhom imfissra, opponew għat-talba;

Rat in-Noti ta’ Osservazzjonijiet imressqin mir-rispettivi partijiet dwar l-inċident;

Tqis li t-talba tal-attur tinbena fuq in-nuqqas ta’ qbil bejn il-grad ta’ debilita’ li l-Espert Mediku, fir-Rapport imressaq minnu fit-28 ta’ Frar, 2002[1], wasal għall-fehma li l-attur għandu, meta mqabbel ma’ kostatazzjoni u grad ta’ debilita’ ieħor li l-istess espert mediku kien għamel madwar sentejn qabel dwar l-istess attur.  L-attur jagħmilha ċara li huwa jrid jattakka s-sejbien tal-grad ta’ debilita’ fir-Rapport meta mqabbel mad-dikjarazzjoni ta’ qabel;

Tqis li l-attur isejjes it-talba tiegħu biex iressaq id-dokument imsemmi fuq dak li jipprovdi l-artikolu 586 tal-Kap 12.  L-imsemmi artikolu jrid jinqara flimkien mal-artikolu 680(1) tal-istess Kodiċi u dan minkejja li Perit

[1] Paġġ. 66-8 tal-proċess

maħtur mill-Qorti  m'huwa x-xhud tal-ebda parti fil-kawża, imma jinħatar biss biex jistabilixxi fatt;

Tqis li r-raġunijiet mogħtija mill-attur dwar ilgħaliex ma ressaqx fi stadju bikri d-dokument li issa jrid iressaq m'huma xejn konvinċenti u jisfidaw id-dehen u l-loġika, l-iżjed minħabba l-fatt li l-istess dokument kien magħruf mill-parti u wkoll mill-avukat tagħha sa minn qabel ma saret mill-Qorti l-ħatra tal-istess Perit;

Tqis li l-liġi[2] trid li l-ebda dokument ieħor jew xiehda dwar il-perizja ma jinġiebu quddiem il-Qorti wara li jkun tressaq ir-Rapport, ħlief fil-każijiet eċċezzjonali hemm imsemmija.   Fil-każ preżenti, ma ntweriex li d-dokument li issa l-attur irid iressaq jaqa' taħt xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba fl-artikolu 150(1);

Għal dawn ir-raġunijiet, it-talba tal-attur qegħda tiġi miċħuda.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

---

[2] Art. 679 tal-Kap 12